IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.2.2020
COM(2020) 15 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea**

{SWD(2020) 15 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea**

# 1. Introduzzjoni

F'Ġunju 2019, id-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi[1] ("id-Direttiva") ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2019/1010[2] ("ir-Regolament"), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(1) tagħha dwar l-obbligu tal-Istati Membri li jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha sal-10 ta' Novembru 2018. Barra minn hekk, l-obbligu li l-Kummissjoni tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-10 ta' Novembru 2019 (l-Artikolu 57(1)) ġie mħassar.

Billi r-Regolament ġie adottat wara li l-Istati Membri kienu diġà ssottomettew l-informazzjoni li tkopri l-ewwel ħames snin tal-funzjonament tad-Direttiva, jiġifieri l-perjodu ta' bejn l-2013 u l-2017, il-Kummissjoni Ewropea tqis li huwa xieraq, speċjalment minħabba li t-trasparenza mtejba hija wieħed mill-objettivi ewlenin tad-Direttiva, li jiġi pprovdut rapport konsolidat tal-UE dwar l-implimentazzjoni tagħha.

Ir-rapport jiffoka fuq l-elementi ewlenin li jaffettwaw l-implimentazzjoni, kif definit fl-Anness I ("l-Anness") tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/707/UE[3]. Madankollu, mhuwiex rendikont eżawrjenti tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali kollha. Ir-rapport huwa akkumpanjat mid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[4].

Il-kontenut u l-kwalità tar-rapporti tal-Istati Membri kienu jvarjaw. L-Istati Membri kollha ssottomettew ir-rapport tagħhom, 22 sal-iskadenza tal-10 ta' Novembru 2018, bl-aħħar rapport li wasal fi Frar 2019, u l-korrezzjonijiet finali fil-bidu ta' Settembru 2019. Xi Stati Membri pprovdew informazzjoni addizzjonali volontarja. Is-sottomissjonijiet li saru tard u l-kwalità inkonsistenti tar-rapportar għamlu t-tfassil ta' konklużjonijiet fil-livell tal-UE diffiċli.

Dan ir-rapport ma jippreġudikax il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fi kwalunkwe proċedura ta' ksur dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni.

# 2. Tibdil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

L-Istati Membri kollha għamlu bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom biex jittrasponu d-Direttiva, iżda l-firxa ta' dawn kienet tvarja b'mod sinifikanti, u kienet tiddependi wkoll minn kif kienet ġiet implimentata d-Direttiva preċedenti (86/609/KEE).

Ir-rekwiżiti l-ġodda għall-klassifikazzjoni u r-rapportar tas-severità, is-sommarji tal-proġetti mhux tekniċi, il-valutazzjoni retrospettiva u l-puntwalità tad-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni wasslu għal bidliet fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kollha. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li għamlu bidliet kbar minħabba:

- il-kamp ta' applikazzjoni estiż;
- ir-rekwiżiti l-ġodda għall-akkomodazzjoni u l-kura u l-metodi ta' qtil;
- l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ispezzjonijiet, u l-frekwenza tagħhom.

[1] ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33–79
[2] ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115–127
[3] ĠU L 320, 17.11.2012, p. 33–50
[4] SWD(2020)15 final

Barra minn hekk, l-attenzjoni fuq approċċi alternattivi wasslet lil bosta Stati Membri biex jikkunsidraw kif l-aħjar jissodisfaw id-dispożizzjonijiet fid-Direttiva. Uħud minnhom stabbilew ċentri tat-tliet R[5] b'mod volontarju biex jippromwovu alternattivi.

# 3. Elementi ewlenin tar-rapportar dwar id-Direttiva

## 3.1 Strutturi u qafas tal-awtoritajiet kompetenti

F'21 Stat Membru, ministeru wieħed huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, l-aktar il-ministeru għall-agrikoltura u l-ambjent; xi drabi l-ministeru tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tax-xjenza u tal-innovazzjoni. Fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fil-Polonja u fir-Renju Unit, hija responsabbiltà maqsuma bejn żewġ ministeri jew aktar.

L-awtorità kompetenti trid twettaq ħames kompiti: l-awtorizzazzjoni u l-ispezzjonijiet tal-istabbilimenti, l-evalwazzjoni tal-proġetti, l-awtorizzazzjoni tal-proġetti u l-valutazzjoni retrospettiva. Skont id-Direttiva, awtorità kompetenti ma għandhiex għalfejn tkun korp pubbliku, sakemm ikollha l-għarfien espert u l-infrastruttura meħtieġa, u tkun ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti.

L-istrutturi tal-Istati Membri jvarjaw ħafna minn dawk ċentrali għal dawk reġjonali u lokali. Xi drabi d-deżinjazzjoni tal-kompiti bejn l-awtoritajiet kompetenti tvarja wkoll bejn reġjuni differenti fi Stat Membru.

Ħmistax-il Stat Membru rrapportaw li kellhom awtorità kompetenti pubblika waħda għall-ħames kompiti kollha. Tnejn minn dawn għandhom struttura reġjonali b'kull reġjun jipprovdi l-ħames kompiti kollha. Tlettax-il Stat Membru indikaw aktar minn awtorità kompetenti waħda.

Il-qsim tal-kompiti l-aktar komuni huwa li l-ispezzjoni u l-awtorizzazzjoni tan-nissiela, tal-fornituri u tal-utenti huma separati mill-evalwazzjoni u mill-awtorizzazzjoni tal-proġetti, u mill-valutazzjoni retrospettiva. L-ispezzjoni spiss issir mill-awtoritajiet veterinarji.

L-istrutturi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-proġetti jvarjaw ħafna wkoll – minn kumitati uniċi (awtoritajiet kompetenti) responsabbli għall-evalwazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-proġetti kollha fl-Istat Membru, għal strutturi reġjonali (eż. il-Ġermanja (26), l-Awstrija (10) u l-Iżvezja (6)) għall-kumitati tal-etika lokali li jevalwaw biss proġetti lokali, jew fi ħdan stabbiliment wieħed (pereżempju l-Belġju (33), Franza (125)). Ir-Rumanija indikat awtorità kompetenti waħda, iżda f'istanza separata ddikjarat li l-evalwazzjoni tal-proġetti titwettaq minn kumitati tal-etika stabbiliti fi ħdan l-istabbilimenti tal-utenti.

[5] Għat-Tnaqqis, ir-Raffinament u s-Sostituzzjoni tal-użu tal-annimali għal skopijiet xjentifiċi

| N = Nazzjonali; R = Reġjonali; O = Oħrajn; P = Awtorità pubblika; NP = Awtorità mhux pubblika | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | **AK għall-awtorizzazzjoni tal-istabbilimenti** | | | **AK għall-ispezzjonijiet** | | | **AK għall-evalwazzjoni tal-proġetti** | | | **AK għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti** | | | **AK għall-valutazzjoni retrospettiva tal-proġetti** | | |
| **Il-Belġju** | 3 | R | P | 3 | R | P | 33 | O | NP | 33 | O | NP | 33 | O | NP |
| **Iċ-Ċekja** | 1 | N | P | 14 | R | P | 8 | O | P | 8 | O | P | 8 | O | P |
| **Il-Ġermanja** | 26 | R | P | 285 | R | P | 26 | R | P | 26 | R | P | 26 | R | P |
| **L-Estonja** | 11 | R | | 11 | R | | 1 | N | | 1 | N | | 1 | N | |
| **Il-Greċja** | 13 | R | P | 71 | R | P | 57 | R | P | 13 | R | P | 57 | R | P |
| **Spanja** | 17 | R | P | 17 | R | P | 89 | N | P/NP | 17 | R | P | 89 | N | P/NP |
| **Franza** | 1 | N | P | 1 | N | P | 125 | O | NP | 1 | N | P | 125 | O | NP |
| **L-Ungerija** | | | | 19 | R | | 1 | N | P | 19 | R | | 1 | N | |
| **Malta** | 1 | N | P | 1 | N | P | 2 | N | P | 2 | N | P | 1 | N | P |
| **In-Netherlands** | 1 | N | P | 1 | N | P | 17 | R | NP | 1 | N | P | 1 | N | P |
| **Il-Polonja** | 305 | O | P | 305 | O | P | 11 | O | P | 11 | O | P | 11 | O | P |
| **Il-Finlandja** | 2 | R | P | 2 | R | P | 1 | N | P | 1 | N | P | 1 | N | P |
| **l-Iżvezja** | 1 | N | P | 21 | R | P | 6 | R | P | 6 | R | P | 1 | N | P |

**Tabella 1.** L-għadd u t-tip ta' awtoritajiet kompetenti (AK) għat-13-il Stat Membru b'aktar minn awtorità kompetenti waħda fl-2017

Huwa rikonoxxut[6] li aktar ma jkunu involuti awtoritajiet kompetenti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva fi Stat Membru, aktar ikunu kbar l-isfidi sabiex ikun żgurat approċċ u eżitu konsistenti.

Il-metodi għall-promozzjoni tal-konsistenza jinkludu t-taħriġ, il-laqgħat regolari tal-awtoritajiet kompetenti, l-applikazzjoni standardizzata tal-proġetti u l-formoli tal-evalwazzjoni, il-listi ta' kontroll standard għall-awtorizzazzjoni u għall-ispezzjoni tal-istabbilimenti.

Minħabba l-varjazzjonijiet sinifikanti fl-istrutturi tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha, mhijiex xi ħaġa sorprendenti li r-reviżjoni tal-2017 tad-Direttiva[7] identifikat diffikultajiet għall-komunità xjentifika u qajmet tħassib dwar l-inkonsistenzi.

## 3.2 Il-Kumitati Nazzjonali

F'konformità mad-Direttiva, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Kumitat Nazzjonali għall-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi. Huwa jagħti pariri lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali f'materji li jittrattaw l-akkwist, it-tnissil, l-akkomodazzjoni, il-kura u l-użu tal-annimali fi proċeduri u jiżgura l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Xi Stati Membri kienu diġà stabbilew kumitati simili, filwaqt li oħrajn kellhom jistabbilixxu wieħed. Għalhekk, l-esperjenza tal-Kumitati Nazzjonali tvarja.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-Kumitati Nazzjonali żviluppaw kanali ta' komunikazzjoni effettivi mal-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaqsmu l-informazzjoni rilevanti u l-aħjar prattiki, inklużi s-sistemi tal-Q&A.

Hekk kif ir-rwol tal-Kumitat Nazzjonali jevolvi, ir-rabtiet bejn il-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Kumitati Nazzjonali huma mistennija li jsiru aktar b'saħħithom, iżda l-effikaċja tagħhom tiddependi ħafna mit-tqassim xieraq tar-riżorsi mill-Istat Membru.

## 3.3. Edukazzjoni u Taħriġ

Id-Direttiva tirrikjedi edukazzjoni u taħriġ xierqa għall-persunal li jwettaq il-proċeduri, li jieħu ħsieb l-annimali, li joqtol l-annimali u li jfassal il-proċeduri u l-proġetti. Ir-rekwiżiti ġenerali huma inklużi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ppubblikaw id-dokument ta' Gwida tal-UE dwar il-Qafas tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ[8] u xi wħud ipproduċew gwida addizzjonali. Diversi Stati Membri rrapportaw attivitajiet li għaddejjin biex itejbu l-forniment tat-taħriġ.

Il-persunal li jwettaq il-proċeduri, li jieħu ħsieb l-annimali jew li joqtol l-annimali għandu jiġi ssorveljat sakemm tiġi vvalutata l-kompetenza tiegħu. Dan huwa rekwiżit ġdid u ħafna Stati Membri għad ma għandhomx sistemi formali għas-superviżjoni u l-valutazzjoni tal-kompetenzi. Ċerti Stati Membri nnutaw li kienet qed titħejja gwida ulterjuri. Ċerti fornituri tat-taħriġ u l-ETPLAS[9] qed jiżviluppaw għodod għall-valutazzjoni konsistenti tal-kompetenzi.

Minkejja d-diversità tat-taħriġ, l-ebda kumment ma ssuġġerixxa li n-nuqqas ta' kompetenzi kien problema. Ir-rekwiżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-ilħuq u ż-żamma tal-kompetenzi, ta' spiss jiġu vverifikati waqt l-ispezzjonijiet, u dan jissuġġerixxi li hemm sorveljanza tal-eżiti u li jekk it-taħriġ ma jkunx sodisfaċenti biżżejjed, dan ikun jista' jiġi identifikat u rimedjat.

Ir-rieżami tal-2017 tad-Direttiva indika diffikultajiet għall-persunal u għar-riċerkaturi biex jiċċaqilqu bejn l-Istati Membri minħabba li r-rekwiżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ ivarjaw, u b'hekk kien meħtieġ taħriġ addizzjonali li jdewwem il-bidu tax-xogħol.

---

[6] https://ec.europa.eu/environment/chemicals/lab_animals/pdf/guidance/project_evaluation/mt.pdf
[7] COM/2017/0631 final
[8] https://ec.europa.eu/environment/chemicals/lab_animals/pdf/guidance/education_training/mt.pdf
[9] Il-Pjattaforma ta' Edukazzjoni u Taħriġ għax-Xjenza dwar l-Annimali tal-Laboratorju, https://www.etplas.eu

Ċerti Stati Membri jirrikonoxxu korsijiet ta' taħriġ minn Stati Membri oħra jew akkredituri tal-korsijiet esterni, pereżempju l-FELASA[10], li tippermetti lil persuni minn Stat Membru ieħor jaqbżu xi taħriġ fi ħdan l-Istat Membru.

Tmien Stati Membri biss indikaw li għandhom rekwiżiti ta' taħriġ addizzjonali għall-persunal minn Stat Membru ieħor.

## 3.4 Evalwazzjoni u awtorizzazzjoni tal-proġetti, u valutazzjoni retrospettiva tal-proġetti

Matul l-evalwazzjoni tal-proġetti, l-applikazzjonijiet kollha għall-użu tal-annimali jridu jitqiesu b'attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-użu tal-annimali jkun iġġustifikat, jiġu applikati t-tliet R u titwettaq valutazzjoni tal-ħsara mqabbla mal-benefiċċju. Awtorizzazzjoni ta' proġett tista' tingħata biss jekk l-awtorità kompetenti tagħti evalwazzjoni favorevoli għal proġett.

Ħafna Stati Membri għandhom strutturi stabbiliti, l-aktar mudelli u gwida, biex jiffaċilitaw il-konsistenza tal-informazzjoni u l-informazzjoni korretta għall-evalwazzjoni. Ċerti Stati Membri jinkludu wkoll għodod oħra bħat-taħriġ għall-applikanti u għall-evalwaturi tal-proġetti, u sistemi ta' applikazzjoni elettronika, li huwa rrapportat li qed iħaffu l-ħinijiet tal-ipproċessar.

Hemm proċessi ta' evalwazzjoni differenti, li jvarjaw minn nazzjonali għal reġjonali u lokali. Bl-istess mod, l-istrutturi tal-kumitati jvarjaw fid-daqs – minn gruppi kbar ħafna għal gruppi żgħar jew minn evalwazzjonijiet minn individwi (b'appoġġ ieħor fejn meħtieġ).

Ċerti evalwaturi jaħdmu ma' Korpi lokali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew ma' gruppi lokali tal-analiżi tal-etika għal perspettiva u/jew opinjoni lokali dwar l-applikazzjoni biex jinformaw aħjar il-proċess tal-evalwazzjoni.

L-imparzjalità u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess iridu jiġu żgurati, speċjalment meta l-evalwazzjoni tal-proġett titħalla f'idejn awtorità mhux pubblika. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li l-kunflitt ta' interess jiġi indirizzat billi l-membri tal-kumitat jintalbu biex ma jieħdux sehem jekk ix-xogħol tagħhom stess jew dak ta' membru tal-familja, jew ix-xogħol tad-dipartiment tagħhom ikun qed jiġi vvalutat. Din hija kwistjoni b'mod partikolari għall-evalwazzjoni tal-proġetti mwettqa mill-kumitati lokali. Id-dikjarazzjonijiet jintużaw biex tiġi ddikjarata l-imparzjalità/in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess. F'xi każijiet, membru indipendenti tad-dipartiment tal-gvern jipprovdi sorveljanza, jew jitwettaq it-tieni livell ta' rieżami fil-livell nazzjonali. Ftit Stati Membri jinkoraġġixxu b'mod attiv l-involviment indipendenti fil-proċess.

Relattivament ftit applikazzjonijiet jiġu miċħuda, minħabba li ġeneralment jiġu riveduti u mtejba matul il-proċess. Applikazzjoni tista' tiġi rtirata wkoll qabel ma tiġi rifjutata formalment.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qegħdin jagħmlu sforzi kbar biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-proġetti.

Sabiex tiffaċilita r-riċerka kompetittiva tal-UE, id-Direttiva introduċiet skadenza ta' 40 jum biex tittieħed deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni u biex l-applikant jiġi informat. F'każijiet iġġustifikati biss, din l-iskadenza tista' tiġi estiża bi 15-il jum. Iċ-ċirkostanzi għall-estensjonijiet tal-iskadenza kienu jinkludu proġetti ta' natura kumplessa jew multidixxiplinarja b'għadd kbir ta' annimali u l-użu ta' proċeduri kontroversjali.

Paragun ta' għadd ta' proġetti awtorizzati bejn l-Istati Membri mhuwiex rilevanti minħabba differenzi fl-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi "proġett". Madankollu, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-proporzjon ta' deċiżjonijiet meħuda wara 40 jum. Tliet Stati Membri ma pprovdewx *data* dwar dan.

[10] Il-Federazzjoni għall-Assoċjazzjonijiet tax-Xjenza dwar l-Annimali tal-Laboratorju, www.felasa.eu

| Stat Membru | Għadd ta' proġetti awtorizzati fl-2017 | Għadd totali ta' deċiżjonijiet (awtorizzati u miċħuda) | Għadd miċħud (ikkalkulat) | Għadd ta' deċiżjonijiet >40 jum | Proporzjonijiet >40 jum tad-deċiżjonijiet kollha |
|---|---|---|---|---|---|
| AT | 717 | 721 | 4 | 10 | 1 % |
| BE | 1 605 | 1 621 | 16 | 146 | 9 % |
| BG | 23 | 23 | 0 | 9 | 39 % |
| CY | 6 | 6 | 0 | | |
| CZ | 528*) | 528 | 0*) | 3 | 1 % |
| DE | 3 800 | 3 800 | 0 | 3 000 | 79 % |
| DK | 269 | 269 | 0 | 31 | 12 % |
| EE | 17 | 17 | 0 | 0 | 0 % |
| EL | 175 | 183 | 8 | 15 | 8 % |
| ES | 1 569 | 1 569*) | 0*) | 84 | 5 % |
| FI | 124 | 124 | 0 | 0 | 0 % |
| FR | 3 708 | 3 708 | 0 | 2 433 | 66 % |
| HR | 47 | 50 | 3 | 9 | 18 % |
| HU | 206 | 271 | 65 | 135 | 50 % |
| IE | 120 | 120 | 0 | 3 | 3 % |
| IT | 1 005 | 1 264 | 259 | 929 | 74 % |
| LT | 24 | 24 | 0 | 24 | 100 % |
| LU | 22 | 22 | 0 | 22 | 100 % |
| LV | 13 | 15 | 2 | | |
| MT | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 % |
| NL | 431 | 440 | 9 | 31 | 7 % |
| PL | 774 | 914 | 140 | | |
| PT | 56 | 56 | 0 | 34 | 60 % |
| RO | 114 | 114 | 0 | 0 | 0 % |
| SE | 657 | 662 | 5 | 20 | 3 % |
| SI | 18 | 28 | 10 | 12 | 43 % |
| SK | 92 | 93*) | 1*) | 0 | 0 % |
| UK | 587 | 587 | 0 | 1 | 0 % |

**Tabella 2**. Id-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-proġetti għal kull Stat Membru fl-2017
*) Numri kkalkulati mid-*data* pprovduta fil-kolonni l-oħrajn

Il-proġetti li jinvolvu proċeduri severi u/jew primati mhux umani kif ukoll dawk magħżula mill-awtoritajiet kompetenti matul l-evalwazzjoni tal-proġetti, huma soġġetti għal valutazzjoni retrospettiva minn awtorità kompetenti biex jitqies jekk l-objettivi ntlaħqux, biex titqies il-ħsara li jkunu ġarrbu l-annimali, u biex tidentifika kwalunkwe element li jista' jwassal għal implimentazzjoni ulterjuri tat-tliet R. Għadu relattivament kmieni biex l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit tiġi vvalutata bħala l-miżuri tranżizzjonali għall-proġetti koperti mill-awtorizzazzjoni tal-proġett sal-31 ta' Diċembru 2017. Ir-raġunijiet ewlenin mogħtija għall-għażla tal-proġetti għal valutazzjoni retrospettiva (lil hinn minn dawk li għalihom hija obbligatorja) kienu relatati ma' tħassib dwar it-trattament xieraq tal-annimali minħabba l-użu ta' teknoloġija kumplessa jew ġdida, mudelli ġodda ta' mard, episodji anestetiċi twal, il-potenzjal għal tbatija kumulattiva, għadd kbir ta' annimali jew inċertezzi dwar disinn jew daqsijiet ta' gruppi proposti.

## 3.5 Sommarji ta' proġetti mhux tekniċi

Id-Direttiva teħtieġ li s-sommarji mhux tekniċi ta' proġetti awtorizzati jiġu ppubblikati biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-użu ta' annimali ħajjin. L-Istati Membri kollha jużaw mudell inkluż fl-applikazzjoni għall-proġett, b'ħafna minnhom jużaw il-mudell tal-UE bħala gwida.

Fil-bidu, il-kwalità tal-kontenut u ż-żmien tal-pubblikazzjoni kienu ta' tħassib. Madankollu, hekk kif l-esperjenza kibret, il-kontenut tjieb, u ż-żmien tal-pubblikazzjoni tnaqqas, bis-saħħa tas-sistemi tal-IT għall-hosting ta' dawn is-sommarji ta' proġetti mhux tekniċi.

Mill-2021 'il quddiem, il-pubblikazzjoni ta' sommarji tal-proġetti mhux tekniċi se tkun meħtieġa permezz ta' bażi ta' *data* ċentrali tal-UE u fi żmien sitt xhur mill-awtorizzazzjoni tal-proġett[11].

## 3.6 Annimali mnissla għall-użu fil-proċeduri

Skont id-Direttiva, bħala parti mir-rapport ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri issa għandhom jipprovdu *data* darba kull ħames snin, fuq l-annimali "l-oħrajn" kollha: imnissla u maqtula, iżda mhux użati. Dawn l-annimali ma jiġux irrapportati fl-istatistika annwali. Flimkien, ir-rapport statistiku annwali u r-rapport ta' implimentazzjoni jagħtu stampa komprensiva tal-annimali kollha meħtieġa biex jiġu appoġġjati r-riċerka, l-ittestjar u l-edukazzjoni/it-taħriġ fl-UE f'sena partikolari.

L-annimali li jitnisslu, iżda li ma jintużawx fi proċeduri, ikopru l-annimali kollha li għal xi raġuni jew oħra ma ntużawx jew ma kinux adatti għal skopijiet xjentifiċi. Dawn jinkludu wkoll dawk imnissla u maqtula b'mod uman għall-organi u għat-tessuti tagħhom, pereżempju biex jintużaw f'metodi alternattivi (ibbażati fuq it-tessuti tal-annimali). Dawn in-numri jinkludu wkoll ħafna annimali għat-tnissil li waslu fi tmiem il-ħajja tat-tnissil tagħhom. Fl-aħħar nett, dawn jinkludu dawk li kienu maħsuba għall-użu, iżda pereżempju, kienu morda u nqatlu mingħajr tbatija qabel ma ntużaw. Xi drabi, jista' jkun meħtieġ li l-annimali jinqatlu għal raġunijiet ta' trattament xieraq u sabiex jiġu protetti s-saħħa u l-integrità xjentifika tal-kolonja.

| Tip ta' annimali | Numri |
|---|---|
| L-għadd ta' **annimali konvenzjonali** imnissla, maqtula u mhux użati fi proċeduri | **6 484 535** |
| L-għadd ta' annimali ġenetikament normali (wild tat-tip selvaġġ) prodotti, imnissla u maqtula bħala riżultat **tal-ħolqien ta' linja ġenetikament modifikata ġdida** | **525 085** |
| L-għadd ta' annimali mnissla u maqtula għaż-**żamma ta' linja ġenetikament modifikata stabbilita** (dawk mhux koperti mill-awtorizzazzjoni tal-proġett u esklużi mir-rapportar statistiku annwali) | **5 588 196** |
| Total | **12 597 816** |

**Tabella 3**. L-għadd ta' annimali mnissla, maqtula u mhux użati fi proċeduri fl-UE fl-2017

91 % tal-annimali rrapportati huma ġrieden (83 %) u ħut żebra (7 %). Is-sorveljanza tajba tal-programmi tat-tnissil hija essenzjali biex l-annimali żejda jiġu minimizzati sa fejn huwa prattikabbli, iżda minħabba l-varjazzjonijiet fil-provvista u fid-domanda, u l-ispeċifiċità tar-rekwiżiti għal ċerti studji, dejjem se jkun hemm xi annimali li ma jistgħux jintużaw għal studji xjentifiċi.

## 3.7 Oriġini ta' primati mhux umani

Id-Direttiva tippromwovi l-primati mhux umani tat-tieni ġenerazzjoni jew aktar (F2/F2+) imnissla għall-użu fl-UE. Mir-rapporti ta' implimentazzjoni, jista' jiġi konkluż li llum l-istabbilimenti tat-tnissil awtorizzati kollha fl-UE diġà qed ifornu biss annimali F2/F2+.

[11] ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115–127; Artikolu 6

Biex javvanzaw l-għanijiet tad-Direttiva globalment, fejn l-annimali joriġinaw minn pajjiżi li mhumiex fl-UE, l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jiksbu annimali F2/F2+ biss, u qed jinkoraġġixxu lin-nissiela mhux tal-UE biex, għalkemm mhumiex fil-ġurisdizzjoni tal-UE, iżidu l-provvista tal-annimali F2/F2+.

## 3.8 Eżenzjonijiet mir-rekwiżiti fi ħdan id-Direttiva

Id-Direttiva tippermetti li jingħataw eżenzjonijiet b'rabta mal-ispeċijiet li jridu jitnisslu għal skop partikolari, il-post fejn jitwettqu l-proċeduri, il-kundizzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid tal-annimali, u r-rekwiżiti tal-akkomodazzjoni u tal-kura.

Ħmistax-il-Stat Membru rrapportaw eżenzjonijiet għall-użu ta' annimali mhux imnissla għal skop partikolari, prinċipalment biex iwettqu xogħol fis-selvaġġ, jew fuq klieb u qtates domestiċi fir-riċerka veterinarja biex jinvestigaw mard kliniku u trattamenti ġodda. Ġew awtorizzati eżenzjonijiet minn 22 Stat Membru sabiex jippermettu xogħol barra stabbiliment tal-utenti. Ix-xogħol fis-selvaġġ kien l-aktar raġuni komuni biex jiġu investigati l-annimali fl-ambjent naturali tagħhom, segwit minn riċerka taħt kundizzjonijiet kummerċjali dwar annimali tal-irziezet, u xogħol fi prattiki veterinarji.

L-użu mill-ġdid wara li l-annimal ikun ġarrab uġigħ sever fil-proċedura preċedenti jista' jiġi approvat biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Stat Membru wieħed biss irrapporta li xi deroga kienet permessa f'ċerti proġetti mingħajr ma pprovda informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi speċifiċi.

Tmintax-il Stat Membru rrapportaw li l-eżenzjonijiet kienu awtorizzati mill-istandards tal-kura u tal-akkomodazzjoni. Iċ-ċirkostanzi kienu jinkludu l-użu ta' gaġeġ metaboliċi, li d-dimensjonijiet tagħhom kienu iżgħar minn dawk stabbiliti fl-Anness III; "densitajiet tal-istokkjar kummerċjali" matul studji ta' riċerka fl-annimali agrikoli, pereżempju f'mekkaniżmi tat-tixrid ta' mard infettiv; akkomodazzjoni singola, pereżempju, biex jitkejlu r-reazzjonijiet tal-imġiba għal stimuli; u l-kontroll tal-ikel/tal-ilma bħala għodda motivazzjonali fit-taħriġ tal-annimali biex iwettqu kompiti ġodda jew mitgħallma.

Fid-dawl tad-daqs u l-wisa' tal-eżenzjonijiet għall-varjazzjonijiet fir-rekwiżiti tad-djar u tal-kura sabiex ikunu jistgħu jitwettqu proġetti xjentifiċi, ta' min jinnota li għaxar Stati Membri ma kienu rrapportaw l-ebda talba għal eżenzjoni minn dawn ir-rekwiżiti.

## 3.9 Korp għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

Kull stabbiliment li jnissel, juża jew jipprovdi annimali jrid ikollu Korp għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jagħti pariri lill-persunal dwar kwistjonijiet relatati mat-trattament xieraq u mal-kura tal-annimali; dwar l-aspetti tat-tliet R; biex jistabbilixxi u jirrevedi proċessi operazzjonali interni rigward it-trattament xieraq tal-annimali miżmumin jew użati; biex isegwi l-iżvilupp u l-eżitu tal-proġetti u jagħtu pariri dwar skemi ta' tqegħid fi djar.

F'ħafna Stati Membri, il-kompożizzjoni tal-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali hija usa' mill-minimu stabbilit fid-Direttiva. Kważi terz taw mandat lil membri addizzjonali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, u oħrajn inkoraġġew sħubija usa' f'dokumenti amministrattivi/ta' gwida. Iż-żieda mandata komuni hija l-inklużjoni tal-Veterinarju Maħtur, għalkemm il-persuni mhux esperti ġew inklużi minn ftit. Fi stabbilimenti kbar, il-frekwenza tal-laqgħat kienet ogħla (sa darba fix-xahar), u f'xi wħud, il-funzjonijiet kienu maqsuma f'subgruppi, biex jiġi żgurat li l-kompiti kollha jiġu koperti b'mod effiċjenti u effettiv.

Id-Direttiva tagħti l-għażla fi stabbilimenti żgħar biex il-kompiti tal-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jitwettqu b'mezzi oħra. Ftit anqas minn nofs l-Istati Membri jinkludu din l-għażla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Fil-prattika, madankollu, din l-għażla ma tintużax b'mod komuni.

Il-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali huma rikonoxxuti bħala pass pożittiv ħafna għat-titjib tat-trattament xieraq u tax-xjenza. L-inputs tagħhom ħolqu kuxjenza dwar l-importanza tal-applikazzjoni tat-tliet R għall-annimali kollha, kemm jekk jintużaw, jitnisslu jew jinżammu fl-istokk. Il-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali tejbu l-komunikazzjoni bejn dawk li jmexxu l-proċeduri u dawk li jieħdu ħsieb l-annimali.

## 3.10 Prinċipji tas-sostituzzjoni, tat-tnaqqis u tar-raffinament

Id-Direttiva titlob applikazzjoni sistematika tat-tliet R fl-interazzjoni kollha mal-annimali. Ir-reazzjonijiet dwar kif it-tliet R jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti fi ħdan proġetti awtorizzati u waqt l-akkomodazzjoni u l-kura kienu jinkludu:

- Il-formoli tal-applikazzjoni tal-proġetti għandhom taqsimiet speċifiċi dwar it-tliet R, li jeħtieġu, pereżempju, valutazzjonijiet tal-letteratura u tfittxijiet dwar it-tliet R;
- Il-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jagħtu pariri lill-applikanti dwar it-tliet R, u jiżguraw li l-implimentazzjoni tat-tliet R tiġi riveduta u aġġornata kontinwament matul il-proġett;
- L-isfida tal-esperti dwar it-tliet R matul l-evalwazzjoni tal-proġetti, u l-konformità mat-tliet R tiġi kkontrollata bħala parti mill-proċess ta' spezzjoni.

## 3.11 Kampjunar tat-tessuti ta' annimali ġenetikament modifikati

L-Istati Membri ntalbu jissottomettu *data* rappreżentattiva dwar il-metodi użati għall-ġenotipar (karatterizzazzjoni ġenetika ta' annimal) matul il-ħolqien, iż-żamma u l-użu ta' annimali ġenetikament modifikati.

Madankollu, minħabba ħafna żbalji fir-rapportar, kien diffiċli li wieħed jasal għal konklużjonijiet, u għalhekk ġiet analizzata biss id-*data* dwar il-metodi ta' kampjunar ta' tessuti tal-grieden.

Għal aktar minn nofs il-grieden inklużi fil-kampjun, it-tessut li ġej mill-identifikazzjoni tal-annimal intuża għall-ġenotipar, u għalhekk ma żdiditx aktar il-ħsara lit-trattament xieraq tal-annimal. 89 % ta' dawk il-kampjuni ġew minn ikklippjar tal-widna u 11 % minn ikklippjar tas-saba'.

F'termini tal-metodi użati taħt awtorizzazzjoni ta' proġett, l-aktar komuni huma l-bijopsija tad-denb, segwita mill-bijopsija tal-widna. Is-severitajiet irrapportati kienu differenti (ħfief jew moderati). Ir-raġunijiet għad-differenzi mhumiex irrapportati iżda jistgħu jkunu dovuti għal tekniki ta' rfinar bħall-anesteżija (lokali jew ġenerali) u l-analġeżija.

Anqas minn 2 % tal-metodi rrapportati huma "mhux invażivi" (taħt il-livell limitu ta' wġigħ, tbatija, tensjoni jew ħsara dejjiema minimi li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-proġett). Dan jikkonċerna l-aktar l-użu ta' materjal *post-mortem*, jew l-użu ta' osservazzjoni, esponiment għal kundizzjonijiet tad-dawl speċifiċi jew teħid ta' kampjuni tax-xagħar.

Din l-informazzjoni se sservi bħala bażi għal rapporti futuri. L-obbligu li jiġu rfinati l-metodi tal-kampjunar tat-tessuti jenħtieġ li jiġi indirizzat b'mod sistematiku. Meta għall-identifikazzjoni jintużaw metodi invażivi, dawn jenħtieġ li jipprovdu tessut żejjed għall-ġenotipar. Hekk kif il-metodi mhux invażivi jsiru disponibbli, dawn jenħtieġ li jintużaw fejn ikun teknikament possibbli.

## 3.12 L-infurzar

### *3.12.1 L-awtorizzazzjoni tan-nissiela, tal-fornituri u tal-utenti*

Fl-2017, fl-UE kien hemm ftit anqas minn 4 000 nissiel, fornitur u/jew utent awtorizzat u attiv tal-annimali li kienu qed iwettqu proċeduri fi ħdan madwar 16 500 proġett awtorizzat. It-tqabbil tan-numri bejn l-Istati Membri huwa skoraġġut minħabba li t-termini "nissiel/fornitur/utent" u "proġett" jistgħu jkunu regolati b'mod differenti. Pereżempju, fi Stat Membru partikolari università jista' jkollha awtorizzazzjoni waħda biss għal "utent" li tkopri l-faċilitajiet kollha tagħha għall-annimali meta mqabbla ma' Stat Membru ieħor li fih kull faċilità tal-annimali (fl-istess università) titqies bħala persuna ġuridika separata li għandha awtorizzazzjoni individwali għall-utent.

| | L-għadd totali ta' nissiela, fornituri u utenti awtorizzati | L-għadd totali ta' proġetti awtorizzati |
|---|---|---|
| **2013** | 2 477 | 6 063 |
| **2014** | 3 547 | 11 210 |

| | | |
|---|---|---|
| **2015** | 3 816 | 15 044 |
| **2016** | 3 759 | 15 246 |
| **2017** | 3 862 | 16 708 |

**Tabella 4**. L-għadd ta' operaturi u proġetti awtorizzati fl-UE, is-snin 2013 sal-2017

### *3.12.2 L-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-proġetti, u l-awtorizzazzjonijiet ta' nissiela, ta' fornituri u ta' utenti*

Dsatax-il Stat Membru ddikjaraw li matul il-perjodu ta' rapportar ma ġiet irtirata l-ebda awotorizzazzjoni ta' proġett. L-oħrajn taw diversi raġunijiet għall-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet: tħassib dwar it-trattament xieraq tal-annimali; metodoloġija sperimentali/disinn xjentifiku fqir; l-użu ta' għadd ta' annimali akbar minn dak awtorizzat u n-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni statistika dwar l-użu tal-annimali.

Wieħed u għoxrin Stat Membru ddikjaraw li ma ġiet irtirata l-ebda awtorizzazzjoni għan-nissiela, għall-fornituri jew għall-utenti fil-perjodu ta' rapportar bħala konsegwenza tal-azzjoni ta' infurzar. Stat Membru partikolari rrapporta li xi stabbilimenti għalqu minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda fl-Anness III dwar l-akkomodazzjoni u l-kura. L-awtorizzazzjonijiet li ġew irtirati kienu dovuti għall-ħsara fl-ilma, għan-nuqqas li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-bini, u għan-nuqqas ta' tiġdid tal-applikazzjoni. Ħames Stati Membri ma pprovdew l-ebda informazzjoni bi tweġiba għal din il-mistoqsija.

### *3.12.3 Ksur, azzjonijiet amministrattivi u legali, u penali*

L-Istati Membri jużaw firxa ta' azzjonijiet amministrattivi u legali, skont in-natura tal-ksur. Normalment, ksur minuri jiġi ttrattat b'mod amministrattiv u jkun jeħtieġ azzjoni korrettiva f'waqtha mit-trasgressur.

It-tariffi jiżdiedu f'każ ta' nuqqas ta' azzjoni jew dewmien fit-teħid ta' miżuri korrettivi, u, b'mod partikolari, fejn tkun seħħet tbatija li setgħet ġiet evitata lill-annimali. Għal każijiet serji ħafna, xi Stati Membri għandhom l-għażla ta' priġunerija bħala sanzjoni.

Tliet Stati Membri ma rreġistraw l-ebda ksur matul il-perjodu ta' rapportar u żewġ Stati Membri stqarrew li ma kien hemm l-ebda każ sever biżżejjed biex tittieħed azzjoni amministrattiva jew legali. L-Istati Membri l-oħra kollha pprovdew tagħrif dwar it-tipi ta' ksur li nstabu u dwar l-azzjoni li ttieħdet.

Il-ksur irrapportat b'mod komuni kien jinkludi l-prestazzjoni ta' proċeduri mingħajr awtorizzazzjoni xierqa, iż-żamma mhux xierqa ta' rekords, it-taħriġ inadegwat u n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Anness III.

Il-biċċa l-kbira tal-każi ta' ksur ġew amministrattivament ittrattati b'miżuri korrettivi li għandhom jiġu implimentati u li jipprevjenu r-rikorrenza. Xi Stati Membri jwettqu spezzjonijiet ta' segwitu biex jiżguraw li n-nuqqasijiet ikunu ġew solvuti. Ftit rapporti ta' azzjoni legali ġew irrapportati, b'din l-azzjoni ġeneralment tinżamm għal każijiet aktar severi, b'mod partikolari dawk li jinvolvu tbatija bla bżonn lill-annimali. Stat Membru partikolari rrapporta li informazzjoni (anonimizzata) dwar ksur u azzjonijiet ġiet ippubblikata kull sena.

### *3.12.4 Spezzjonijiet*

L-Istati Membri jridu jiżguraw spezzjonijiet regolari mill-awtoritajiet kompetenti tan-nissiela, tal-fornituri u tal-utenti kollha u tal-istabbilimenti tagħhom, biex jivverifikaw il-konformità mad-Direttiva.

L-awtorità kompetenti trid tadatta l-frekwenza tal-ispezzjonijiet abbażi ta' analiżi tar-riskju, filwaqt li tqis l-għadd u l-ispeċijiet ta' annimali miżmuma, l-istorja preċedenti ta' konformità mad-Direttiva, l-għadd u t-tipi ta' proġetti mwettqa mill-utent inkwistjoni u kwalunkwe informazzjoni li tista' tindika nuqqas ta' konformità.

24 Stat Membru kkonfermaw l-użu tal-Kriterji għall-Analiżi tar-Riskju tal-Ispezzjoni tal-UE[12].

---

[12] https://ec.europa.eu/environment/chemicals/lab_animals/pdf/guidance/inspections/mt.pdf

L-ispezzjonijiet iridu jitwettqu fuq mill-anqas terz tal-utenti kull sena. Madanakollu, in-nissiela, il-fornituri u l-utenti ta' primati mhux umani jridu jiġu spezzjonati mill-anqas darba f'sena. Proporzjon adatt tal-ispezzjonijiet irid jitwettaq mingħajr avviż minn qabel.

| Sena | Għadd ta' spezzjonijiet imħabbra | Għadd ta' spezzjonijiet mhux imħabbra | Total ta' spezzjonijiet | Proporzjon ta' dawk mhux imħabbra |
|---|---|---|---|---|
| **2013** | 1 717 | 978 | 2 695 | 36 % |
| **2014** | 2 046 | 1 646 | 3 692 | 45 % |
| **2015** | 2 080 | 1 388 | 3 468 | 40 % |
| **2016** | 2 143 | 1 353 | 3 496 | 39 % |
| **2017** | 2 045 | 1 367 | 3 412 | 40 % |

**Tabella 5**. Għadd ta' spezzjonijiet fl-UE, is-snin mill-2013 sal-2017

Tmintax-il Stat Membru wettqu aktar spezzjonijiet (li jkopru lill-utenti, lin-nissiela u lill-fornituri) minn terz tal-għadd ta' utenti awtorizzati fl-Istat Membru tagħhom kull sena. Jidher li disa' Stati Membri ma laħqux terz f'dawn l-aħħar snin. Stat Membru wieħed wettaq inqas spezzjonijiet fil-ħames snin kollha.

Ħames Stati Membri ma rrapportaw l-ebda spezzjoni mhux imħabbra. Minkejja dan, il-proporzjon totali ta' spezzjonijiet mhux imħabbra fl-UE minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva jidher relattivament għoli, madwar 40 %.




**Tabella 6**. Proporzjon ta' spezzjonijiet mhux imħabbra mill-Istati Membri, is-snin bejn l-2013 u l-2017

# 4. Konklużjonijiet

L-implimentazzjoni tad-Direttiva pjuttost tvarja bejn l-Istati Membri. Madankollu, huwa ċar li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed jagħmlu sforzi determinati biex jikkonformaw mad-Direttiva. L-esperjenza tar-rekwiżiti leġiżlattivi l-ġodda għadha fi stadju bikri, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li t-traspożizzjoni tagħhom kienet bil-mod.

Ir-rekwiżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ għadhom ivarjaw bejn l-Istati Membri anki jekk ġew installati xi proċessi simplifikati sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment tax-xjenzati. Id-differenzi fil-proċessi tal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġetti u ż-żminijiet ta' awtorizzazzjoni jkomplu jħallu impatt negattiv fuq l-objettiv li jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għax-xjenzati madwar l-UE.

L-implimentazzjoni tal-Korpi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u tal-Kumitati Nazzjonali kienet ta' suċċess, għalkemm influwenzata mir-riżorsi disponibbli.

L-Istati Membri kollha diġà laħqu l-ewwel stadju tal-istrateġija ambizzjuża tad-Direttiva, biex jipproduċu, fl-UE, biss primati mhux umani mnissla għal skop partikolari tat-tieni ġenerazzjoni jew ogħla għall-finijiet ta' riċerka.

Isiru spezzjonijiet regolari, inkluż bħala medja 40 % ta' spezzjonijiet mhux imħabbra. Madankollu, xi Stati Membri għadhom ma laħqux il-livell minimu ta' spezzjonijiet meħtieġa mid-Direttiva.

Għall-ewwel darba fl-UE, l-għadd ta' annimali mnissla u maqtula mingħajr ma ntużaw fi proċeduri kien previst għall-2017. Flimkien mal-istatistika annwali, dan jindika l-għadd totali ta' annimali li bħalissa huma meħtieġa biex jappoġġjaw ir-riċerka u l-ittestjar tal-UE, li jistabbilixxu linja bażi għall-kejl tal-isforzi immedjati u futuri lejn it-tnaqqis tal-użu tal-annimali.

Bħala gwardjan tat-Trattati u f'konformità mal-impenn tagħha b'reazzjoni għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Stop Vivisection", il-Kummissjoni qed tevalwa l-konformità tat-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod assertiv. Dan irriżulta fil-ftuħ tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-EU Pilots mal-Istati Membri kollha. Għalkemm xi EU Pilots wasslu għal eżiti ta' suċċess, oħrajn kienu segwiti minn proċedura formali ta' ksur imnedija mill-Kummissjoni. Għal xi Stati Membri oħra, il-valutazzjoni tat-tweġibiet tagħhom għadha għaddejja. Jekk jiġi identifikat nuqqas ta' konformità, il-Kummissjoni tista' tniedi proċeduri ta' ksur ulterjuri.

Ir-rieżami tad-Direttiva (Novembru 2017[13]) wera problemi fil-pubblikazzjoni ta' sommarji mhux tekniċi tal-proġetti tal-proġetti awtorizzati. Il-Kummissjoni mbagħad issimplifikat l-obbligi tar-rapportar, li jemendaw id-Direttiva permezz tar-Regolament (UE) 2019/1010[14] f'Ġunju 2019. Dawn jinkludu t-twaqqif ta' bażi ta' *data* ċentrali tal-UE, li jista' jsir tiftix fuqha u ta' aċċess miftuħ, kemm għas-sommarji mhux tekniċi tal-proġetti kif ukoll għad-*data* statistika, u b'hekk it-trasparenza tal-użu tal-annimali fl-UE titjieb b'mod sinifikanti u jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tat prijorità lill-isforzi biex tiffaċilita l-implimentazzjoni. Flimkien mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni żviluppat dokumenti ta' gwida li jindirizzaw kunċetti ewlenin fid-Direttiva, disponibbli bit-23 lingwa tal-Unjoni kollha. Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli din il-ħidma. Il-Kummissjoni qiegħda tindirizza wkoll lix-xjenzati futuri permezz tal-iżvilupp ta' għodod edukattivi u ta' taħriġ li jiffokaw fuq alternattivi għall-użu fuq l-annimali.

[13] COM/2017/0631 final

[14] ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115–127